QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

IMHALLEF:

ONOR. DR. GINO CAMILLERI, LL.D.

SEDUTA TAT-23 TA' MARZU, 2001.

Citazzjoni numru 67/99GC

Falzon Trading Co. Limited

Vs.

Alexander Chircoip u Paul Attard

Illum 23 ta' Marzu, 2001.

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta attrici fl-ammont komplessiv ta' Lm1227.95 (elf mitejn u sebgha u ghoxrin lira matlin u hamsa u disghin centezmu) liema ammont jirrapprezenta bilanc minn somma akbar prezz ta' diversi oggetti lilhom mibjugha u kkonsenjati skond ma kif jirrizulta mill-anness "statement" Dok. A;

Illi is-socjeta attrici diversi drabi interpellat lill-istess konvenuti sabiex dawna jhallsu izda ciononostante huma baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dinil-kawza;

Illi l-imsemmi ammont huwa debitu, cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikoli l67 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12

tal-Ligijiet ta' Malta) u l-istanti qed jannetti mac-citazzjoni l-affidavit tieghu immarkat bhala Dok. B a tenur tal-istess fejn qed jikkonferma bil-gurament tieghu illi fl-opinjoni tieghu il-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu ghat-talbiet tas-socjeta attrici;

Talbet ghalhekk lill-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1) Tiddeciedi dina l-kawza skond it-talba tas-socjeta attrici hawn fuq premessa u dana bid-dispensa tas-smiegh u trattazzjoni kif previst mill-artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici is-somma ta' Lm1227.95 (elf mitejn u sebgha u ghoxrin lira maltin u hamsa u disghin centezmu) rappresentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' oggetti mibjguha u kkonsenjati lill-istess konvenuti.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficcjali tal-1 ta' Lulju, 1998 u dik bonarja tal-10 ta' Novembru, 1998 bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament mid-data tal-konsenja kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici u n-nota tax-xhieda taghha;

Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u naqsu li jidhru ghas-smiegh tal-kawza u hekk baqghu kontumaci;

Ikkonsidrat il-provi prodotti mis-socjeta attrici;

Semghat lill-Avukat tas-socjeta attrici;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talbiet jirrizultaw pruvati;

Fil-kontimacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa it-talbiet tas-socjeta ttrici bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjes kontra il-konvenuti.

Imhallef

Dep. Registratur